**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Chris Pullicino)**
**(Spettur Robert Vella)**

**vs**

**-Omissis-**
**Travis Francis Xuereb**
**Bradly Emmanuel Xuereb**

**Kumpilazzjoni Numru: 328/18**

**Illum, 3 ta' Dicembru, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra -Omissis-, Travis Francis Xuereb detentur tal-karta tal-identita` numru 436293M u Bradley Emmanuel Xuereb detentur tal-karta tal-identita' numru 31892M akkuzati talli:

1. Nhar it-7 ta' Mejju, 2011 ghall-habta ta' 1630hrs gewwa Santa Venera, ingurjaw, heddew jew ghamlu offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghuh jew li jinfluwixxu fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vojolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienet qed tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkagunaw feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna tas-surgent PS430 Andrew St John hekk kif gie ccertifikat minn Agnes Cachia MD tal-isptar Mater Dei;

4. U aktar talli fl-istess data u/jew fix-xhur ta' qabel din id-data f'diversi imkejjen f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rezoluzzjoni wahda gabu ruhom b'mod li taw fastidju lil Kimberley Cutajar u Diane Tabone u/jew b'mod li kienu jafu jew misshom kienu jafu li dan kien ta' fastidju ghall-imsemmija persuni;

5. U aktar talli fl-istess data u/jew fix-xhur ta' qabel din id-data f'diversi imkejjen f'dawn il-gzejjer l-imgieba taghhom ikkagunat biza' lil Kimberley Cutajar u Diane Tabone li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta' taghhom jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet, jew xi persuna imsemmija fl-Art 222 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Lil Bradly Emmanuel Xuereb wahdu akkuzat ukoll talli:

6. Nhar is-7 ta’ Mejju 2011 ghall-habta ta’ 1630hrs gewwa Santa Venera, bil-hsieb li jikkommetti reat u cioe’ offiza ta’ natura gravi u permanenti fuq il-persuna ta’ PS430 Andrew St John, wera dan il-hsieb b’atti esterni, u ta bidu ghall-esekuzzjoi ta’ dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mil-volonta’ tieghu;

7. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saq vettura bin-numru ta’ registrazzjoni EAU629, b’nuqqas ta’ kont, bi traskuragni, jew b’mod perikoluz

Lil -Omissis-

8. -Omissis-

9. -Omissis-

10. -Omissis-

11. -Omissis-

12. -Omissis-

13 -Omissis-

14. -Omissis-

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tiskwalifika lil Bradly Xuereb u -Omissis- milli jkollom jew milli jiksbu licenzja tas-sewqan ghall-dak iz-zmien li jidhrilha l-Onorabbli Qorti;

Il-Qorti giet mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta tal-persuni offizi cioe Kimberley Cutajar, Diana Tabone u PS430 St John jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubbliku jew ghall-iskop ta' l-protezzjoni tal-persuni msemmija minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzati skond l-artikolu 412C tal-Kap 9 u f'kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-persuni offizi u l-familji taghhom ai termini tal-Artikoli 383, 384, 385 u 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba illi f'kaz ta' htija, tikkundanna lil akkuzati ihallsu l-ispejjes kollha li ghandhom x'jaqsmu ma l-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, inkluzi dawk tal-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta, f'dak iz-zmien u f'dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni.

Semghet il-provi.

Rat ir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation Svetlana Bezzina esebit u mmarkat bhala Dok. SB1, li rrakkomandat is-segewenti a rigward Bradly Xuereb:

"**Konkluzjonijiet**

- **Fatturi identifikati**
- Bradly Emmanuel Xuereb qieghed jigi akkuzat li nhar is-7 ta' Mejju 2011, flimkien ma' zewg persuni ohra, ikkaguna feriit ta' natura hafifa fuq PS430 Andrew St John. Huwa qieghed jigi wkoll akkuzat li b'diversi atti gab ruhu b'mod li ta fastidju u kkaguna biza' lil Kimberley Cutajar u Diane Tabone. Barra minn hekk,

Xuereb wahdu qieghed jigi wkoll akkuzat li fl-istess jum saq vettura bi traskuragni u b'mod perikoluz u li b'atti esterni wera l-hsieb li jikkommetti offiza ta' natura gravi fuq persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku.

- Fir-rigward tal-kaz odjern, Bradly Emmanuel Xuereb ma jihux responsabbilta' tad-danni fizici sofruta mis-Surgent St John. Xuereb lanqas ma jaghraf id-danni psikologici li tirrapporta Diana Tabone, is-sewwieqa tal-karozza segwita minnu. Huwa jirrikonoxxi biss li zbalja fil-konfront tal-vittma Kim Cutajar meta ddecieda li jsegwiha. Mitkellma ghal fini ta' dan ir-rapport, Kim Cutajar tidher timminimizza l-involviment tal-imputat fil-kaz odjern, filwaqt li min-naha l-ohra jirrizulta li s-sehem tal-ikkoncernat fil-kaz odjern halla impatt konsiderevoli fuq il-kumplament tal-vittmi.
- Mill-informazzjoni migbura jidher li l-imputat trabba f'kuntest stabbli fejn gie provdut bil-bzonnijiet materjali u l-attenzjoni necessarja. Il-kaz odjern jidher li halla impatt kbir negattiv fuq il-

familja tal-imputat li xorta wahda baqghet toffrielu s-sapport necessarju. L-omm sahansitra tidher issostni lil binha fl-attitudni tieghu lejn ir-reat, liema approcc ma jghinx sabiex huwa jiehu responsabbilta' ta' ghemilu.

- Harsa lejn il-Fedina Penali tal-imputat tindika li l-imsemmi kien involut mal-Qrati tal-Gustizzja Kriminali f'zewg okkazjonijiet lura fis-sena 2010. Infatti jirrizulta li huwa nghata sentenza sospiza u *conditional discharge* b'relazzjoni ma' akkuzi relatati ma' droga u vjolenza.
- Fir-rigward tal-aspett tad-droga gew innutati inkonsistenzi b'relazzjoni mal-uzu ta' sustanzi illeciti fil-passat. Filwaqt li l-imputat insista li abbuza biss minn sutanzi b'mod rikreazzjonali, tezisti informazzjoni kunfliggenti li tindika li l-imputat jista' jkun li mminimizza l-istess problema. Madanakollu, tulil-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport Xuereb intalab jissottometti ruhu ghal tliet testijiet tal-urina, liema testijiet jindikaw li huwa ma jaghmilx uzu minn sustanzi illeciti fil-prezent.

B'relazzjoni ma' xoghol jirrizulta li l-imputat ilu ingaggat f'impjieg regolarizzat ghal aktar minn sentejn. Mill-informazzjoni migbura jidher li Xuereb ghandu hiliet u d-dixxiplina mehtiega sabiex isib u jzomm impjieg, liema aspett jghinu sabiex izomm hajja stabbli.

- **Pjan ta' kura**

Fid-dawl tal-attitudni tal-imputat lejn ir-reat odjern jinhass il-bzonn li huwa jaghraf ahjar il-hsara li saret lill-vittmi sabiex jigu kkonfrontati gustifikazzjonijiet li huwa jidher juza u ghaldaqstant jizdied ic-cans li jiehu responsabbilta' ta' ghemilu. Bhala parti mill-pjan ta' kura ikun ta' beneficcju ghall-imputat li jkomplu jsirulu testijiet tal-urina sabiex jigi eskluz ghalkollox l-uzu ta' sustanzi illeciti. Barra minn hekk, jinhass il-bzonn li jigu assessjati aktar fit-tul u indirizzati l-aspetti ta' hbiberija u l-imgiba tieghu f'kuntest ta' koppja, liema aspetti jirrizulta li kkontribwixxew ghall-kaz odjern.

- **Rakkomandazzjoni**

B'konsiderazzjoni lejn l-akkuzi li jirrelataw mas-Surgent St John u ma' sewqan traskurat, jinhass il-bzonn li tinghata attenzjoni lejn l-aspett ta' riparazzjoni lis-socjeta'. Dan hekk kif l-istess imgiba tindika nuqqas ta' konsiderazzjoni lejn l-istess socjeta' u r-rapprezentanti taghha. Ghaldaqstant qed jigi umilment rakkomandat li Xuereb jaghmel numru ta' sighat ta' xoghol bhala forma ta' riparazzjoni. Qed jigi wkoll rakkomandat li l-Ordni ta' xoghol fil-komunita' tkun allacjata ma' Ordni ta' Probation skont l-artiklu 18 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan sabiex Xuereb jinghata l-gwida ta' Ufficjal tal-Probation bil-hsieb li jkomplu jissahhu fatturi protettivi f'hajtu filwaqt li jigu indirizzati aspetti li kkontribwixxew ghar-reat odjern."

Rat ir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation Officer Joseph Mizzi esebit u mmarkat bhala Dok. JM1 li rrakkomanda s-segwenti fuq l-imputat Travis Francis Xuereb:

"**Konkluzjonijiet**

- **Fatturi identifikati**

- Travis Francis Xuereb qed jigi akkuzat li ngurja, hedded u ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku, irrezista bi vjolenza kontra l-istess persuna li kienet qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi, li kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq l-istess persuna u li kkaguna biza' u ta fastidju lil zewg tfajliet.
- Travis trabba fil-familja flimkien ma' hutu. Huwa ghadu jghix fid-dar tal-genituri tieghu. Madanakollu, skont l-imputat huwa m'ghandux relazzjoni tajba mal-membri l-ohra tal-familja u jippreferi joqghod maqtugh ghalih wahdu u ma jkellimhomx ghax ghadda minn ingustizzji fid-dar, fejn skontu, huwa kien l-inqas ippreferut u jghid li ommu gieli kienet issawtu. Isemmi wkoll li dak li ried dejjem stinka ghalih hu u dawn ic-cirkostanzi biddlulu l-karattru cajtier li kellu.
- Omm l-imputat tghid li binha trabba fil-familja bhal hutu u kellu trobbija normali, fejn kien ihobb jiltaqa' ma' shabu u jhobb ipengi. Hija tishaq li ghad li ma kellux problemi t'imgiba hazina fid-dar, innotat

bidla fil-karattru tieghu mill-kaz 'l hawn, u sar izjed serju u ma jafdax.

- Travis Xuereb ihobb l-arti u oggetti maghmulin bl-idejn izda wara li temm l-edukazzjoni sekondarja ma kompliex il-kors li kien beda gewwa l-MCAST ghax l-istudju ma tantx kien ihobbu u l-iskola kien imur minhabba l-hbieb. Il-livell t'edukazzjoni tieghu huwa semi-litterat. Il-passatempi favoriti tieghu huma l-isport tal-*kick-boxing* u loghob tal-*play-station*.
- Travis beda jahdem ta' 17-il sena fil-catering u sussegwentement bhala *delivery person* u s'issa ghandu mpjieg stabbli.
- Jirrizulta li Travis qatt ma kellu kuntatti ma' agenziji, istituzzjonijiet jew professjnisti li jahdmu fil-qasam tar-riabilitazzjoni mid-droga jew alkohol u qatt ma kien riferut ghat-trattament fir-rigward ta' sahha mentali. Madanakollu, huwa jammetti li juza' l-Kannabis u dan kien ikkonfermat f'zewg testijiet tal-urina. Huwa jghid li juza' din is-sustanza sabiex inaqqas l-istress u l-hsibijiet.

- Kien innotat li l-Fedina Penali tal-imputat hija wahda netta u ma kellux kazijiet ohra. L-Ispettur Investigattiv isemmi li l-imputat kien minuri meta sehh dan il-kaz odjern u l-involviment tieghu kien wiehed minimu u kkopera waqt l-investigazzjoni. Jirrizulta wkoll li ma kellux problemi ulterjuri mal-gustizzja wara dan il-kaz.
- Skont il-vittmi, jiddeskrivu l-kaz odjern bhala trawma izda l-izjed li kien affetwat hazin kien is-Surgent. Kemm is-Surgent u kemm Diane Tabone talbu ghall-kumpens peress li sofrew danni finanzjarji. Bhala griehi fizici, s-Surgent biss kien wegga' u spicca l-isptar. Wara dan il-kaz, ma regax kien hemm problemi ulterjuri bejn il-vittmi u l-imputat.

- **Pjan ta' kura**

In-nuqqas ta' hsieb fid-decizjonijiet jista' jwassal ghal konsegwenzi mhux mixtieqa. Nuqqas ta' kontroll tal-emozzjonijiet jista' jwassal lil Travis ikollu argumenti li jistghu jigu evitati. L-ghan ewlieni li jrid jintlahaq f'dan

il-kaz huwa li Travis minn issa ' l quddiem irid joqghod attent ghall-ghazla tal-hbieb sabiex ma jergax ikollu problemi mal-gustizzja fil-futur u jkun hemm ambjent pacifiku fid-dar u mal-membri tal-familja. Reazzjoni ta' rabja jew vendikazzjoni mhix soluzzjoni ghall-intimidazzjoni li jista' jkollu madwaru, izda huwa ghandu jibqa' sod. L-involviment tieghu, ftit jew hafna, f'dan il-kaz li wasslu ghall-kuntatt mal-Ufficcju tal-Probation, ghandu jaghmlu izjed konxju li jehtieg sapport u li jkun ta' gid li jiftah qalbu fuq problemi li jiltaqa'maghhom. Biss, Travis ghandu jwaqqa' l-hajt li bena madwaru bl-attitudni tieghu u jafda f'min irid jiggwidah sabiex ikollu inqas frustrazzjoni u jkun minimizzat riskju ta' agir simili fil-futur. Ghaldaqstant, huwa ghandu jkompli juza' il-mezzi pozittivi kif izomm iffukat fuq interessi li jimlewlu l-hin liberu.

- **Rakkomandazzjoni**

L-informazzjoni migbura tindika li l-imputat huwa persuna fuq tieghu u attiv u li bis-sahha tax-xoghol li

> ghandu u s-sehem tieghu fl-isports jirnexxielu jzomm certu stabilita' fil-hajja tieghu.
>
> Ghaldaqstant, fid-dawl tal-informazzjoni migbura f'dan ir-rapport, qed jigi rrakkomandat li Travis F Xuereb jinghata Ordni ta' Probation. Matul din l-Ordni Travis jigi mghejun jikkonsolida l-elementi stabbli f'hajtu filwaqt li tinghata attenzjoni partikolari ghall-problemi familjari u fir-relazzjonijiet socjali tieghu halli jigu mminimizzati influwenzi negattivi fuqu u l-imgiba tieghu."

Rat l-ammissjoni tal-imputati li kkonfermaw tali ammissjoni anke wara li nghataw zmien opportun sabiex jahsbuha;

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 222(1), 412C, 383, 384, 385 u 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputati hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrihom u ghaldaqstant lil **Travis Francis Xuereb** bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7A tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghall-perjodu ta' Probation ghal zmien sena kif ukoll ghall-Ordni ta' Servizz fil-Komunita' ghal erbghin (40) siegha.

Lil **Bradley Emmanuel Xuereb** bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7A tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah Probation ghall-perjodu ta' tliet (3) snin kif ukoll multa ta' mitejn ewro (€200) ai fini tas-seba' (7) akkuza flimkien ma' sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal xahar dekorribbli minn nofs il-lejl ta' ghada.

Liema Ordnijiet qed jigu annessi ma' din is-sentenza u ghalhekk ghandhom jifformaw parti ntegrali minnha.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputati r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

---------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**